*Diskors ta' l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta waqt Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni għat-Tfal b'vista bagħtuta,*

*16 ta' Ġunju 2018*

Sinjuri,
Għeżież ħbieb,

Inħossni tassew onorata li gejt mistiedna għal din il-konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni tat-Tfal b' Vista batuta. Jiena nfurmata li l-konferenza ta' llum li qed tiffoka fuq dan il-qasam importanti, li kien il-focus ukoll, tal-Proġett Erasmus + msejjaħ KLASSI.

Qabel nagħmel xi rimarki, irrid nibda billi naugura lil *Carers of Children with Visual Impairment* fi ħdan l-*Association to Assist Visually Impaired Persons*, b'kollaborazzjoni mal-*Assistive Devices for Visually Impaired Centre*, ta' l-inizjattiva tagħhom biex jorgainizzaw din il-konferenza tant meħtieġa.

Jiena infurmata ukoll li din il-konferenza hija maħsuba biex titqajjem kuxjenza akbar dwar il-bżonnijiet edukattivi diversi ta' studenti b'vista batuta, u bil-ħsieb li tinforma aħjar lill-awtoritajiet nazzjonali, skejjel, edukaturi, LSAs u ġenituri dwar dan, il qasam importanti.

Kif nafu lkoll, tfal b'vista batuta għandhom sfidi partikolari matul l-iżvilupp edukattiv tagħhom.

Dawn l-isfidi jinkludu firxa sħiħa u diversità ta' esperjenzi fil-proċess tat-tagħlim .... sfidi li jaffettaw ħażin il-kapaċità tat-tfal b'vista batuta, f'sitwazzjonijiet differenti, kemm ġewwa, kif ukoll, barra l-ambjent tal-iskola.

Barra minn hekk, nafu ukoll lit-tfal b'vista batuta ħafna drabi jiffaċċjaw aktar diffikultajiet u sfidi fit-tagħlim minn sħabhom. Liema diffikultajiet u sfidi, jwasslu għal effetti negativi, kemm fl-adoloxxenza, kif ukoll fil-ħajja adulta.

Għal din ir-raġuni, inħeġġeġ lill-parteċipanti ta' din il-konferenza biex ifittxu strateġiji effettivi u modi differenti, kif jindirizzaw l-isfidi li kull tifel u tifla jiltaqa'magħhom, fil-kuntest ta' sistema ta' edukazzjoni inklussiva.

Jiena nemmen li hemm bżonn li l-professjonisti, il-ġenituri u l-istudenti, jaħdmu aktar flimkien biex jiġu indirizzati dawn il-diffikultajiet u dawn l-isfidi.

Jiena nemmen ukoll li għandu jkun hemm firxa sħiħa ta' programmi edukattivi u servizzi li jindirizzaw il-ħtiġijiet uniċi tat-tfal b'vista batuta.

Minħabba li l-vista hija fundamentali għall-proċess tat-tagħlim, u hija l-bażi primarja li fuqha huma bbażati l-aktar strateġiji ta' edukazzjoni tradizzjonali, irridu ninkoraġġixxu aktar innovazzjoni fis-sistema edukattiva tagħna, biex niżguraw li ħadd mill-studenti ma jaqa' lura.

Jien nemmen li l-ebda familjia fil-Gżejjer Maltin m'għandha tħossha konfuża, iżolata jew traskurata, għax it-tifel jew tifla tagħhom għandha b'vista batuta.

Nemmen ukoll li anke l-għalliema u l-LSAs għandhom il-ħtiega li jitħarrġu speċifikament biex ikunu jistgħu jgħinu kif xieraq lil dawn l-istudenti, u joffrulhom l-għajnuna fejn għandhom bżonn. Ma nistgħux nippretendu li l-edukaturi jagħtu minn dak li m'għandhomx.

Għal din ir-raġuni, nemmen li rridu nkomplu nħeġġu lill-edukaturi biex isegwu opportunitajiet ta' żvilupp professjonali f'dan is-settur, kif ukoll, biex ikunu jistgħtu jiggwidaw lill-ġenituri aħjar, biex jgħarrfu l-opportunitajiet għal edukazzjoni speċjalizzata.

L-istudenti b'vista batuta jeħtieġu sistema edukattiva li tissodisfa l-ħtiġijiet individwali tagħhom kollha; sistema edukattiva li trawwem l-indipendenza u r-reżiljenza; u sistema edukattiva li titkejjel mis-suċċess ta' kull individwu fl-iskola u fil-komunità.

Din hija l-edukazzjoni li tassew inkunu nistgħu nsejħulha inklussiva.

L-istudenti b'vista batuta ma jistgħux ikunu inklużi, sakemm il-ħtiġijiet edukattivi uniċi u personalizzati tagħhom ma jiġux indirizzati minn persuni imħarrġa apposta, u sakemm dawn l-istudenti ma jingħatawx aċċess ugwali għal kurrikulu ċentrali u speċjalizzat permezz ta' kotba u tagħmir addattat u xieraq.

Hawnhekk irrid inħabbrilkom, li jekk Alla jrid, permess ta' iniżjattiva li l-Presidents' Trust u l-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu qed jieħdu permess tal-Qaritona Nazzjonali, dalwaqt ser inkunu nistgħu nagħtu tagħmir speċjalizzat, u skond il-ħtieġa individwali, lis-67 tifel u tifla b'vista batuta, li għandna fl-iskejjel primarji u sekondarji, bil-għan li nassiguraw li jkollhom aċċess għall- qari u għall-informazzjoni.

Nittama ukoll li ma ndumux ma nibdew it-tagħlim tal-Braille, għaliex kif infurmawni diversi esperti tal-lingwa, il-Braille huwa l-bażi biex persuna b'vista batuta tista' titħarreġ fil-ħila tal-kitba.

F'dan il-kuntest ukoll, jiena nemmen li l-edukazzjoni inklussiva għandha tħares ukoll lejn l-*empowerment* soċjali tat-tfal.

L-*empowerment* soċjali tat-tfal huwa essenzjali, irrispettivament mill-kapaċitajiet jew id-diżabilitajiet tagħhom.

Fil-fatt, dan l-enfasi fuq l-*empowerment* soċjali tat-tfal, huwa l-*focus* tax-xogħol li qed isir mill-Fondazzjoni tiegħi għall-Ġid tas-Soċjetà, permezz tal-komunità ta' tagħlim msejjaħ *"The President's Secret Garden".*

F'inizjattivi li jittieħdu fis-*Secret Garden*, it-tfal b'diversi forom ta' diżabilità jħossuhom inklużi fil-proċess tat-tagħlim, u jesperjenzaw parteċipazzjoni sħiħa.

Il-kontribut tagħhom għall-komunità tat-tagħlim li ħloqna ma kienx biss ta tisħiħ għal tfal bi bżonnijiet differenti, iżda għat-tfal kollha.

Barra minn hekk, l-ambjent edukattiv inklussiv, jagħti lit-tfal ukoll l-opportunità li jagħrfu, u jiċċelebraw, is-saħħa u l-ġid li joħroġ mid-diversità tas-soċjetà tagħna.

Fuq kollox din ir-responsabbilità toħroġ mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Fil-fatt it-tlieta u erbgħin sessjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal tiddikjara b'mod ċar li t-tfal b'diżabilità, m'għadhomx jesperjenzaw diffikultajiet u ostakli, biex ikunu jistgħu jgawdu id-drittijiet tagħhom kif jinsabu fil-Konvenzjoni.

Dan il-Kumitat enfasizza li dawn id-diffikultajiet u l-ostakoli m'humiex imposti mid-diżabilità nnifisha, iżda huma taħlita ta' ostakli soċjali, kulturali, ta' attitudni u fiżiċi.

Għalhekk, ninkoraggixxi lil Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità, l-awtoritajiet edukattivi, s-soċjetà ċivili u l-pubbliku, biex ikomplu jagħtu prijorità lill-iżvilupp edukattiv u ta' *empowerment* soċjali lil kull tifel u tifla f'pajjiżna.

Meta nassiguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal tagħna, f'kull qasam, nkunu qed nwasslu b'mod effettiv il-messaġġ qawwi ta' rispett u dinjità li s-soċjetà tagħna għandha tagħti lil kull persuna.

Grazzi, u nawguralkom xogħol siewi matul din il-konferenza.